# ALLA

*(Mit-Talian tal-Metastasio maqluba mill-Prof. Sir Gustu Bartolo)*

FEJN HU—

Kull fejn nixħet għajnejja
Nilmaħ Kbir Alla lilek:
Fil-ħlejjaq kollha nqimek
Ġo fija nħossok jien:

Is-sema, l-art u l-baħar
Ixandru lil qawwietek.
U minnek biss f' smewwietek,
Ilkoll nafu l-għajxien.

— FEJN MHUX?

Jekk l'Alla int trid tara
Ħares ħarsa ma' dwarek,
Fittxu ġo fik, ġo darek,
Qrib, b'għod, fejn ma ħsibtux.

U jekk l'issib fejn jgħammar
Jidhirlek ħaġa tqila,
Fixkilni 'ekk għandek ħila:
Għidli fejn ma sibtux.